



# Struzzjonijiet għall-mili tal-formoli tal- assi totali u tal-iskopertura tar-riskju totali biex jinġabru l-fatturi tariffarji superviżorji

Lulju 2022

Mill-perjodu tariffarju 2020, il-BĊE se jerġa' juża d-data FINREP u COREP biex jiddetermina l-fatturi tariffarji għall-biċċa l-kbira tal-banek taħt superviżjoni.

Żewġ kategoriji ta' banek xorta waħda għandhom jipprovdu l-fatturi tariffarji tagħhom permezz ta' proċess ta' ġbir separat:

1. Gruppi li jeskludu l-assi u/jew l-ammonti ta' skopertura għar-riskju ta' sussidjarji fi Stati Membri mhux parteċipanti:
  - Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ġbir bla xkiel, gruppi b'sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi li għandhom l-intenzjoni li jeskludu l-assi u/jew l-ammonti ta' skopertura għar-riskju ta' dawk is-sussidjarji mill-fatturi tariffarji tagħhom għandhom jinnotifikaw lill-BĊE sat-30 ta' Settembru dwar kull perjodu tariffarju billi jissottomettu n-notifika [tal-kont tal-portal onlajn](#). Il-gruppi jistgħu jagħżlu li jnaqqsu l-kontribuzzjoni ta' sussidjarji mhux MSU għall-iskopertura għar-riskju totali (TRE), għall-assi totali (TA), jew għat-tnejn. Jekk ma tasal l-ebda notifika b'hal din, jiġi preżunt li l-grupp ma jixtieqx inaqqas il-kontribuzzjoni ta' sussidjarji li mhumiex MSU. F'dan il-każ l-ogħla livell ta' konsolidazzjoni TRE (COREP, formola C 02.00, ringiela 010, kolonna 010) u l-ogħla livell ta' konsolidazzjoni TA (FINREP, formola F 01.01, ringiela 380, kolonna 010) akkwistati mill-BĊE permezz ta' rappurtar regolatorju se jerġgħu jintużaw b'hal input għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja.
2. Friegħi stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti minn istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri mhux parteċipanti li mhumiex suġġetti għar-Regolament FINREP tal-BĊE jew għar-rappurtar obligatorju FINREP skont ir-rekwiżiti ta' rappurtar nazzjonali.

Filwaqt li huma eżenti mill-obbligu li jissottomettu fatturi tariffarji, friegħi li huma suġġetti għar-Regolament FINREP tal-BĊE jew għar-rappurtar obligatorju tal-FINREP skont ir-rekwiżiti ta' rappurtar nazzjonali għandhom jissottomettu ittra ta' ġestjoni lill-Awtorità Kompetenti Nazzjonali tagħhom (AKN). Jekk jogħġbok ara t-Taqsim 5 għal aktar informazzjoni.

Għal entitajiet taħt superviżjoni klassifikati bħala “inqas sinifikanti” fuq il-bażi ta’ deċiżjoni tal-BĊE magħmula skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013<sup>1</sup> flimkien mal-Artikoli 70(1) u 71 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17)<sup>2</sup> u l-Artikolu 10(3)(d) tar-Regolament (EU) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/41)<sup>3</sup>, valur TA ta’ €30 biljun, jew il-valur TA sottomess f’FINREP jekk dan tal-aħħar ikun aktar baxx, se jitqies mill-BĊE meta jiġi ddeterminat il-fattur tariffarju.

## 2 Struzzjonijiet għaż-żewġ formoli<sup>4</sup>

- “Isem”, “kodiċi MFI” u “kodiċi LEI” jirreferu għad-debitur tariffarju.<sup>5</sup>
- Il-“Kodiċi MFI”<sup>6</sup> għandu dejjem jimtela. Il-“Kodiċi LEI” huwa obligatorju fl-id-debitur tariffarju uwa fergħa, f’liema każ il-kaxxa “Kodiċi LEI” għandha titthalla vojta.
- L-ammonti ta’ TA u TRE għandhom jitniżżlu f’euro, f’ammonti sħaħ.
- Il-kolonna “kummenti” li tidher fiż-żewġ formoli għandha tintuża mill-entitajiet taħt superviżjoni biex jirrapportaw tagħrif ieħor li jista’ jintuża biex tintfiehmed id-data jew xi informazzjoni oħra li tinqasam mal-awtorità nazzjonali kompetenti.
- Il-fatturi tariffarji jiġu kalkulati billi jitqies l-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni. Għalhekk, fost assi oħra, l-assi tad-ditti tal-investment għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-fatturi tariffarji jekk id-ditti tal-investment ikunu parti minn grupp bankarju fl-ogħla livell ta’ konsolidazzjoni.

### Konvenzjoni dwar iċ-ċifri

Il-valuri tad-data fiż-żewġ formoli għandhom jingħataw f’ammonti assoluti.

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal- 15 ta’ Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta’ politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63–89).

<sup>2</sup> Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta’ April 2014 li jstabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma’ awtoritajiet nazzjonali speċifiċi (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1-50).

<sup>3</sup> Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta’ Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41), (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 23–31).

<sup>4</sup> It-test tal-formoli jinsab bil-lingwi nazzjonali fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni (UE) 2019/2158 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta’ Frar 2019 dwar il-metodoloġija u l-proċeduri għad-determinazzjoni u l-għbir ta’ data dwar fatturi tariffarji użati għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali (BĊE/2015/107) (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 99–107).

<sup>5</sup> Id-debitur tariffarju jservi bħala punt ta’ kuntatt mal-BĊE għall-komunikazzjoni kollha marbuta mat-tariffa superviżorja annwali.

<sup>6</sup> Il-kodiċi MFI huwa ekwivalenti għall-kodiċi RIAD. Għal aktar tagħrif, ara [aċċess għad-data MFI](#) .

## Verifiki tal-kwalità tad-data

Il-proċess tal-kwalità tad-data – il-verifiki implimentati biex jitqabblu ċ-ċifri ta' TRE u TA mar-rappurtar regolatorju għad-dispożizzjoni tal-BĊE – huwa mfisser fit-taqsimiet li ġejjin.

### 3 Struzzjonijiet għall-formola tal-“assi totali” (TA)<sup>7</sup>

Għandhom jimtlew il-kaxxi ħomor kollha applikabbli tal-formola. Għandhom jimtlew il-kaxxi sofor applikabbli tal-formola meta jkun applikabbli biss. Il-kaxxi kollha mmarkati bil-griż għandhom jitħallew vojta. Meta tagħżel it-tip ta' istituzzjoni fil-kolonna 010, il-kaxxi jistgħu jibdlu l-kulur sabiex meta jimla l-formola.

It-tagħrif li ġej jinsab fl-intestaturi:

- Data ta' referenza: tmiem is-sena tal-kontabilità għall-entitajiet kollha stabbiliti qabel l-1 tal-perjodu tariffarju. Pereżempju, għal entità bit-tmiem tas-sena tal-kontabilità tagħha f'Marzu, id-data ta' referenza għandha tkun Marzu tal-perjodu tariffarju preċedenti. Għal entitajiet stabbiliti wara l-1 ta' Jannar tal-perjodu tariffarju, id-data ta' referenza għandha tikkorrispondi mad-data ta' rappurtar li jmiss. Pereżempju, għal entità stabbilita f'April tal-perjodu tariffarju, id-data ta' referenza għandha tkun Ġunju tal-perjodu tariffarju, irrispettivament mid-data tal-għeluq tas-sena tal-kontabilità tagħha.
  - Data ta' sottomissjoni: din il-kaxxa għandha timtela bid-data tal-jum meta tintbagħat il-formola TA.<sup>8</sup>
  - Isem tal-istituzzjoni jew grupp bankarju: din il-kaxxa għandha timtela bl-isem tad-debitur tariffarju (l-istituzzjoni ta' kreditu/fergħa/entità li tħallas tariffa u li tkun ġiet nominata bħala debitur tariffarju għall-grupp kollu).
  - “Kodiċi MFI”<sup>9</sup> tad-debitur tariffarju: din il-kaxxa għandha timtela mid-debituri tariffarji kollha.
  - “Kodiċi LEI” tad-debitur tariffarju: din il-kaxxa għandha timtela mid-debituri tariffarji kollha ħliet il-friegħi. Il-friegħi għandhom iħallu din il-kaxxa vojta.
  - Il-kaxxa fir-ringiela 010, kolonna 010 għandha timtela skont it-tip ta' istituzzjoni, kif ġej<sup>10</sup>:
1. Meta d-debitur tariffarju jibgħat ċifra tat-TA li tikkorrispondi mal-ammont tat-TA stipulat fl-Artikolu 51 jew 51(4) [tar-Regolament \(UE\) Nru 468/2014 tal-Bank](#)

<sup>7</sup> Anness II tad-Deċiżjoni BĊE/2019/2158 tal-Bank Ċentrali Ewropew

<sup>8</sup> Id-data ta' sottomissjoni għandha tkun aġġornata jekk ikun hemm sottomissjoni mill-ġdid.

<sup>9</sup> Il-kodiċi MFI huwa ekwivalenti għall-kodiċi RIAD. Ara [aċċess għad-data MFI](#) għal aktar informazzjoni.

<sup>10</sup> Jekk jogħġbok innota li s-sistema tan-numerazzjoni nbidlet.

Ċentrali Ewropew (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17), għandu jimla r-ringiela 010 għat-“tip ta’ istituzzjoni” kif ġej:

Tip ta’ istituzzjoni 3: entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni li mhumiex suġġetti għal rappurtar obbligatorju għal skopijiet prudenzjali għandhom jiddeterminaw l-assi totali tagħhom kif definit fi-Artikolu 2, punt 12(d) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/41).

Gruppi taħt superviżjoni li mhumiex soġġetti għal rappurtar obbligatorju għal skopijiet prudenzjali li nnotifikaw lill-BĊE bl-intenzjoni tagħhom li jnaqqsu l-kontribuzzjonijiet ta’ sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi kemm għat-TRE kif ukoll għat-TA, jew għat-TA biss, mill-fatturi tariffarji tagħhom, għandhom jagħżlu l-istituzzjoni tat-tip 2 fl-ewwel każ, u t-tip 5 fit-tieni. Jekk jogħġbok ara l-punt 3 hawn taħt għal struzzjonijiet dwar kif timla l-formola għat-tipi ta’ istituzzjonijiet 2 u 5.

- Ringiela 010, kolonna 030 għandha timtela bil-valur tat-TA.
  - (ii) Jekk l-entità taħt superviżjoni hija parti minn grupp taħt superviżjoni, il-valur totali tal-assi tagħha għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kontijiet annwali kkonsolidati awditjati l-aktar reċenti ppreparati skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif applikabbli fi ħdan l-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>11</sup> Jekk dawn il-kontijiet annwali ma jkunx disponibbli, il-valur totali tal-assi għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati mħejjijin skont il-liġijiet tal-kontabilità nazzjonali applikabbli (ara l-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17)).
  - (iii) Jekk l-entità taħt superviżjoni mhijiex parti minn grupp taħt superviżjoni, il-valur totali tal-assi tagħha għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kontijiet annwali awditjati l-aktar reċenti ppreparati skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif applikabbli fi ħdan l-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jekk dawn il-kontijiet annwali ma jkunx disponibbli, il-valur totali tal-assi għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kontijiet annwali mħejjijin skont il-liġijiet tal-kontabilità nazzjonali applikabbli (ara l-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17)).

L-entitajiet li jirrappurtaw li jagħżlu “tip ta’ istituzzjoni 3” fil-formola TA jridu jkunu għażlu “tip ta’ istituzzjoni 3” **jew** “tip ta’ istituzzjoni 1” fil-formola TRE.

<sup>11</sup> Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta’ standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 609).

## Eżempju

CALCULATION OF FEES TOTAL ASSETS		Reference date	31/12/2019	NAME	Institution B
		Submission date	10/11/2020	MFI Code	IT0000002
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567890
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification or of management letter for fee-paying branches (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51(2) or (4) of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)	3		15,000,000	Comment on submitted data
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 2, point (12)(b) or (c) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41)				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 3(2)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States - <b>obligatory</b>				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - <b>optional</b>				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - <b>obligatory</b>				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - <b>optional</b>				

Please ensure that this template is completed in accordance with the instructions provided separately.

2. Fejn l-entità li tirrapporta tibgħat ċifra tat-TA skont l-Artikolu 2(12)(b) jew (c) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) hija għandha timla r-ringiela 010 fil-kolonna "tip ta' istituzzjoni" kif ġej:
  - Tip ta' istituzzjoni 4: friegħi taħt superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti li mhumiex suġġetti għal rappurtar obligatorju għal skopijiet prudenzjali (jiġifieri ma jaqgħux direttament taħt l-ambitu tar-Regolament I-FINREP tal-BĊE jew taħt l-ambitu ta' rekwiżiti nazzjonali addizzjonali ta' rappurtar tal-FINREP).
  - Ringiela 020, kolonna 030 għandha timtela bil-valur tat-TA.
    - (i) Il-valur tal-assi totali għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kontijiet annwali verifikati l-aktar reċenti ppreparati skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif applikabbli fl-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u, jekk dawk il-kontijiet annwali mhumiex disponibbli, il-kontijiet annwali mħejjija skont il-liġijiet tal-kontabilità nazzjonali applikabbli.
    - (ii) Għal friegħi li jħallsu t-tariffi li ma jħejjux kontijiet annwali, il-valur totali tal-assi għandu jiġi determinat abbażi tad-data statistika rappurtata skont ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/32)<sup>12</sup> (ara l-Artikolu 51(5) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17)).
    - (iii) Friegħi li jikkompilaw FINREP fuq bażi volontarja jistgħu jużaw il-figura TA kkalkulata billi jsegwu l-istruzzjonijiet FINREP biex jimlew il-formola tal-fatturi tariffarji

<sup>12</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2008/32) (ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14), emendat mir-Regolament (KE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

- Il-manigier ta' dik il-fergħa jew, jekk il-manigier ma jkunx disponibbli, il-korp manigierjali tal-istituzzjoni ta' kreditu li jstabbilixxi l-fergħa li tħallas tariffa għandu jiċċertifika l-assi totali tal-fergħa li tħallas tariffa permezz ta' ittra tal-maniġment sottomessa lill-ANK rilevanti flimkien mal-formola tal-fatturi tariffarji TA. Mudell għall-ittra tal-maniġment jista' jitniżżel mill-websajt tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE: [Mudell għal ittra tal-maniġment](#).
- Fir-ringiela 020, il-kolonna 020 l-entità li tirrapporta għandha tindika jekk l-ittra tal-maniġment ġietx sottomessa lill-ANK billi tagħżel lva jew Le.

CALCULATION OF FEES		Reference date	31/12/2019	NAME	Institution C
TOTAL ASSETS		Submission date	10/11/2020	MFI Code	IT0000003
				LEI code	
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification or of management letter for fee-paying branches (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51(2) or (4) of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)				
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 2, point (12)(b) or (c) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41)	4	Yes	5,000,000	Comment on submitted data
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 3(2)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034				
031	Total assets of all group entities established in participating Member States - <b>obligatory</b>				
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - <b>optional</b>				
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - <b>obligatory</b>				
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - <b>optional</b>				

Please ensure that this template is completed in accordance with the instructions provided separately.

3. Fejn l-entità li tirrapporta tibgħat ċifra tat-TA skont l-Artikolu 7(2)(b) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2019/2158 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2019/7\)](#), hija għandha timla r-ringiela 030 fil-kolonna "tip ta' istituzzjoni" kif ġej:
  - (i) Tip ta' istituzzjoni 2: grupp taħt superviżjoni li nnotifika lill-BĊE bl-intenzjoni tiegħu li jnaqqas il-kontribuzzjonijiet ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi kemm mit-TRE kif ukoll mit-TA.
  - (ii) Tip ta' istituzzjoni 5: grupp taħt superviżjoni li nnotifika lill-BĊE bl-intenzjoni tiegħu li jnaqqas il-kontribuzzjonijiet ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi mit-TA biss.
- L-istruzzjonijiet hawn taħt japplikaw għat-tipi ta' istituzzjonijiet 2 u 5.
- Ir-ringiela 031, kolonna 030 għandha timtela bil-valur tat-TA tal-entitajiet kollha tal-grupp stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.
- Ir-ringiela 032, kolonna 030 għandha timtela bil-valur tal-pożizzjonijiet intragrupp fost entitajiet taħt superviżjoni stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti (meħuda minn pakketti ta' rappurtar użati għall-eliminazzjoni ta' bilanċi għal skopijiet ta' rappurtar ta' grupp). Il-kaxxa tista' tiftalla vojta jekk ma jeżistux pożizzjonijiet bħal dawn.

- Ir-ringiela 033, kolonna 030 għandha timtela bil-valur tal-avvjament inkluż fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-impriża prinċipali ta' grupp taħt superviżjoni. Jekk il-valur imsemmi hawn fuq huwa żero, żero għandu jiġi rrapportat f'din il-kaxxa.
- Ir-ringiela 034, kolonna 030 għandha timtela bil-valur tal-avvjament allokat lis-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi. Il-kaxxa tista' tiġi vojta jekk l-avvjament huwa żero.
- Ir-ringiela 030, kolonna 030 m'għandhiex għaliex timtela (fiha formola awtomatika, li hija TA ringiela 031, kolonna 030 - TA ringiela 032, kolonna 030 + TA ringiela 033, kolonna 030 - TA ringiela 034, kolonna 030). Din iċ-ċifra tirrappreżenta t-TA li jitqies biex jiġi stabbilit il-fattur tariffarju.
- Awditur irid jikkonferma li l-proċess tal-kalkolu ma jitbigħedx mill-proċedura stipulata fid-[Deċiżjoni \(UE\) 2019/2158 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2019/38\)](#) u li l-kalkolu li jsir mid-debitur tariffarju jkun koerenti mal-metodu tal-kontabilità użat biex jikkonsolida l-kontijiet tal-grupp ta' entitajiet li jħallsu t-tariffa.
- Fir-ringiela 020, il-kolonna 020 l-entità li tirrapporta għandha tindika jekk il-verifika tal-awditur ġietx sottomessa lill-AKN billi tagħżel lva jew Le.
- L-entitajiet li jirrapportaw li jagħżlu "tip ta' istituzzjoni 2" jew "5" fil-formola tat-TA jridu jkun għażlu "tip ta' istituzzjoni 2" fil-formola tat-TRE.

## Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference date	31/12/2019	NAME	Institution A
TOTAL ASSETS		Submission date	10/11/2020	MFI Code	IT0000001
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567890
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification or of management letter for fee-paying branches (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51(2) or (4) of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)				
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 2, point (12)(b) or (c) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41)				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 3(2)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034	2	Yes	14,080,000	Comment on submitted data
031	Total assets of all group entities established in participating Member States - <b>obligatory</b>			15,000,000	
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - <b>optional</b>			1,000,000	
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - <b>obligatory</b>			100,000	
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - <b>optional</b>			20,000	

Please ensure that this template is completed in accordance with the instructions provided separately.

CALCULATION OF FEES		Reference date	31/12/2019	NAME	Institution A
TOTAL ASSETS		Submission date	10/11/2020	MFI Code	IT0000001
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567890
Item		Type of institution	Confirmation of auditor's verification or of management letter for fee-paying branches (Yes/No)	Total assets	Comments
		010	020	030	040
010	TOTAL ASSETS in accordance with Article 51(2) or (4) of Regulation (EU) No 468/2014 (ECB/2014/17)				
020	TOTAL ASSETS in accordance with Article 2, point (12)(b) or (c) of Regulation (EU) No 1163/2014 (ECB/2014/41)				
030	TOTAL ASSETS in accordance with Article 3(2)(b) of this Decision: Item 030 is equal to 031 minus 032 plus 033 minus 034	5	Yes	14,080,000	Comment on submitted data
031	Total assets of all group entities established in participating Member States - <b>obligatory</b>			15,000,000	
032	Intragroup positions among supervised entities established in participating Member States (from reporting packages used for the elimination of balances for group reporting purposes) - <b>optional</b>			1,000,000	
033	Goodwill included in the consolidated financial statements of the parent undertaking of a supervised group - <b>obligatory</b>			100,000	
034	Goodwill allocated to subsidiaries established in non-participating Member states or third countries - <b>optional</b>			20,000	

Please ensure that this template is completed in accordance with the instructions provided separately.

## 4 Struzzjonijiet għall-formola tal-"iskopertura totali għar-riskju" (TRE)<sup>13</sup>

Għall-każ speċjali ta' friegħi, il-formola ta' "skopertura għar-riskju totali" mhuwiex meħtieġ. Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3 għall-istruzzjonijiet dwar il-formola "assi totali" (TA).

Għandhom jimtlew il-kaxxi ħomor kollha applikabbli tal-formola. Għandhom jimtlew il-kaxxi sofor applikabbli tal-formola meta jkun applikabbli biss. Il-kaxxi kollha mmarkati bil-griż għandhom jitħallew vojta. Meta tagħżel it-tip ta' istituzzjoni fil-kolonna 010, il-kaxxi jistgħu jibdli l-kulur sabiex jiggwidaw lid-debitur tariffarju meta jimtlew il-formola.

It-tagħrif li ġej jinsab fl-intestaturi:

<sup>13</sup> Anness 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2019/2158 tal-Bank Ċentrali Ewropew



- Data ta' referenza: il-31 ta' Diċembru tal-perjodu tariffarju preċedenti għal entitajiet stabbiliti qabel l-1 tal-perjodu tariffarju jew id-data ta' rappurtar disponibbli li jmiss: il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju jew it-30 ta' Settembru tal-perjodu tariffarju għal entitajiet stabbiliti wara l-1 tal-perjodu tariffarju.
- Data ta' sottomissjoni: din il-kaxxa għandha timtela bid-data tal-jum meta tintbagħat il-formola TRE.<sup>14</sup>
- Isem tal-istituzzjoni jew grupp bankarju: din il-kaxxa għandha timtela bl-isem tad-debitur tariffarju (l-istituzzjoni ta' kreditu/entità li tħallas tariffa u li tkun għet innominata bħala debitur tariffarju għall-grupp kollu).
- "Kodiċi MFI"<sup>15</sup> tad-debitur tariffarju: din il-kaxxa għandha timtela mid-debituri tariffarji.
- "Kodiċi LEI" tad-debitur tariffarju: din il-kaxxa għandha timtela mid-debituri tariffarji.
- Il-kaxxi fir-ringiela 010, kolonna 010 għandha timtela skont it-tip ta' istituzzjoni, kif ġej<sup>16</sup>:
  1. Tip ta' istituzzjoni 1: grupp taħt superviżjoni li nnotifika lill-BĊE bl-intenzjoni tiegħu li jnaqqas il-kontribuzzjoni ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi mit-TRE biss.
  2. Tip ta' istituzzjoni 2: grupp taħt superviżjoni li nnotifika lill-BĊE bl-intenzjoni tiegħu li jnaqqas il-kontribuzzjoni ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi kemm mit-TRE kif ukoll mit-TA.
  3. L-istruzzjonijiet hawn taħt japplikaw għat-tipi ta' istituzzjonijiet 1 u 2.
    - Ringiela 010, kolonna 030 għandha timtela bil-valur tat-TRE.
    - Ringiela 020, kolonna 030 għandha timtela bis-somma tal-kontribuzzjonijiet kollha tas-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti rappurtati fil-COREP C 06.02, kolonna 250.
    - Ringieli 1021 sa N, kolonna 030 għandhom jimtlew bil-kontribuzzjonijiet individwali tas-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti li ma jkunux rappurtati fil-COREP C 06.02 iżda jkunu mniżżlin fil-formola tal-"fatturi tariffarji".
    - Skont l-Anness II, Parti II tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) Nru 680/2014](#),<sup>17</sup> "istituzzjoni għandha tirrapporta d-data

<sup>14</sup> Id-data ta' sottomissjoni għandha tkun aġġornata jekk ikun hemm sottomissjoni mill-ġdid.

<sup>15</sup> Il-kodiċi MFI huwa ekwivalenti għall-kodiċi RIAD. Ara [aċċess għad-data MFI](#) għal aktar informazzjoni.

<sup>16</sup> Jekk jogħġbok innota li s-sistema tan-numerazzjoni nbidlet.

tal-kontribuzzjoni ta' entità meta l-kontribuzzjoni tagħha għall-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju taqbeż 1% tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju tal-grupp jew meta l-kontribuzzjoni tagħha għall-fondi proprji totali taqbeż 1% tal-fondi proprji totali tal-grupp. Dan il-limitu ma japplikax fil-każ ta' sussidjarji jew subgruppi li jipprovdu fondi proprji (fis-sura ta' interessi ta' minoranza jew strumenti AT1 jew T2 kwalifikanti inklużi fil-fondi proprji) lill-grupp". Għalhekk, id-data fuq il-kontribuzzjoni tas-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti li ma tkunx ġiet inkluża fil-formola COREP C 06.02 (Solvenza ta' Grupp) irrappurtata fi tmiem is-sena rilevanti għandha tiġi rrapportata fir-ringieli 1021 sa N, kolonna 030.

- Ringieli 1021 sa N għandhom jimtlew bl-ismijiet tas-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti (fl-eżempju ta' hawn taħt, it-tliet entitajiet li jappartjenu lil "Istituzzjoni A" ġew miżjuda bħala "Istituzzjoni C1", "Istituzzjoni C2" u "Istituzzjoni C3").

## Eżempju

CALCULATION OF FEES		Reference date	31/12/2019	NAME	Institution A
TOTAL RISK EXPOSURE		Submission date	10/11/2020	MFI Code	IT0000001
				LEI code	ABCDEFGHIJ1234567890
Item		Type of institution 010	Source for risk exposure amount 020	Risk exposure amount 030	Comments 040
010	TOTAL RISK EXPOSURE as calculated in accordance with Article 92(3) of Regulation (EU) No 575/2013 of the European Parliament and of the Council	1	COREP C 02.00, row 010	10,000,000	Comment on submitted data
020	CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States and third countries		COREP C 06.02, col 250 (SUM)	400,000	
1021	Institution C1			50,000	
1022	Institution C2			20,000	
1023	Institution C3			30,000	
1024					
1025					
030	TOTAL RISK EXPOSURE AMOUNT of the supervised group deducting the CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States and third countries: Item 030 is equal to 010 minus 020 minus sum of items 1021 to 1320			9,500,000	

Please ensure that this template is completed in accordance with the instructions provided separately.

Fl-eżempju ta' hawn fuq, it-TRE għall-grupp taħt superviżjoni hija €10,000,000 (TRE ringiela 010, kolonna 030).

Madankollu, il-grupp inaqqas il-kontribuzzjoni tas-sussidjarji tiegħu stabbiliti fl-Istati Membri mhux parteċipanti. Is-sussidjarji b'kontribuzzjoni għat-TRE li hija ogħla minn 1% tat-TRE ġew inklużi fil-COREP C 06.02. Is-somma ta' dawn il-kontribuzzjonijiet tammonta għal total ta' €400,000 (ringiela 020, kolonna 030 TRE).

<sup>17</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

Tliet sussidjarji b'kontribuzzjoni ta' inqas minn 1% tat-TRE jidhru rappurtati fir-ringieli 1021, 1022 u 1023. Is-somma ta' dawn il-kontribuzzjonijiet tammonta għal total ta' €100,000.

It-TRE li tqieset biex tistabbilixxi l-fattur tariffarju toħroġ mit-TRE kalkulata awtomatikament fir-ringiela 030, kolonna 030. Dan huwa r-riżultat meta tnaqqas il-kaxxa TRE ringiela 020, kolonna 030 u s-somma tar-ringieli 1021 sa 1023 mit-TRE oriġinali fil-kaxxa TRE ringiela 010, kolonna 030. Fl-eżempju ta' hawn fuq, ir-riżultat ta' dan il-kalkolu huwa ta' € 9,500,000. Dan l-ammont jitqies bħala TRE meta jiġi ddeterminat il-fattur tariffarju.

L-ammont tat-TRE oriġinali (€10,000,000 fl-eżempju ta' hawn fuq) se jitqabbel għall-finijiet ta' kwalità tad-data mat-TRE tal-aħħar (COREP, formola C 02.00, ringiela 010, kolonna 010) miksub mill-BĊE permezz tar-rappurtar regolatorju. L-ammont tal-iskopertura għar-riskju rappurtat fir-ringiela 020, kolonna 030 se jitqabbel mal-valuri rappurtati fil-formola C 06.02 li jinkisbu mill-BĊE permezz tar-rappurtar regolatorju.

L-entitajiet li jirrappurtaw għandhom jaraw li l-valur inkluż fil-formola tal-"fatturi tariffarji" ikun jaqbel mal-valur mibgħut fir-rappurtar regolatorju lill-NCA tagħhom. Jekk l-entitajiet li jirrappurtaw jidentifikaw differenzi bejn il-valur tat-TRE inkluż fil-formola tal-"fatturi tariffarji" u l-aħħar rappurtar regolatorju mibgħut lill-AKN tagħhom, għandu jintbagħat lill-AKN l-iżjed valur aġġornat tat-TRE. Jekk jiġu identifikati differenzi waqt il-verifiki tal-kwalità tad-data li jsiru mill-BĊE, issir talba lill-entità li tirrapporta (permezz tal-AKN tagħha) biex dawn id-differenzi jtfissru.

4. Tip ta' istituzzjoni 3: entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni li mhumiex suġġetti għal rappurtar obbligatorju għal skopijiet prudenzjali għandhom jiddeterminaw l-iskopertura tar-riskju totali kif definit fl-Artikolu 2, punt 13(d) tar-[Regolament \(UE\) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2014/41\)](#).
5. Gruppi taħt superviżjoni li mhumiex soġġetti għal rappurtar obbligatorju għal skopijiet prudenzjali li nnotifikaw lill-BĊE bl-intenzjoni tagħhom li jnaqqsu l-kontribuzzjoni ta' sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi terzi mit-TRE jew kemm tat-TRE u t-TA għandhom jagħżlu l-istituzzjoni 1 jew 2 rispettivament u jimlew il-formola kif deskritt hawn fuq.

## Eżempju

CALCULATION OF FEES  
TOTAL RISK EXPOSURE

Reference date	31/12/2019	NAME	Institution B
Submission date	10/11/2020	MFI Code	IT0000002
		LEI code	ABCDEFGHIJ1234567890

Item	Type of institution 010	Source for risk exposure amount 020	Risk exposure amount 030	Comments 040
010	3	COREP C 02.00, row 010	10,000,000	Comment on submitted data
020		COREP C 06.02, col 250 (SUM)		
1021				
1022				
1023				
1024				
1025				
030				TOTAL RISK EXPOSURE AMOUNT of the supervised group deducting the CONTRIBUTION OF SUBSIDIARIES in non-participating Member States and third countries: Item 030 is equal to 010 minus 020 minus sum of items 1021 to 1320

Please ensure that this template is completed in accordance with the instructions provided separately.

## 5 Verifika tal-awditur għal gruppi taħt superviżjoni li jnaqqsu sussidjarji mhux tal-MSU u ittra tal-maniġment għal friegħi li jħallsu t-tariffi (kolonna 020)

### Konferma tal-verifika tal-awditur għal gruppi taħt superviżjoni li jnaqqsu sussidjarji li mhumiex SSM

- L-awditur għandu jimpenja ruħu li jirrapporta fuq elementi, kontijiet jew partiti speċifiċi tat-TA.
- Meta debitor tariffarju juża dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji, awditur għandu jiċċertifika li l-valur tat-TA jikkorrispondi għat-TA żvelat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji awditjati tal-entitajiet taħt superviżjoni individwali. Meta debitor tariffarju juża pakketti tar-rappurtar, awditur għandu jiċċertifika t-TA użat għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali billi jagħmel verifika xierqa tal-pakketti tar-rappurtar li jkunu ntużaw. Fil-każijiet kollha, l-awditur irid jikkonferma li l-proċess tal-aggregazzjoni ma jitbigħedx mill-proċedura stipulata fid-[Deċiżjoni \(UE\) 2019/2158 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2019/38\)](#) u li l-kalkolu li jsir mid-debitor tariffarju jkun koerenti mal-metodu tal-kontabilità użat biex jikkonsolida l-kontijiet tal-grupp ta' entitajiet li jħallsu t-tariffa.

### Ittra tal-maniġment għal friegħi li jħallsu tariffa

- Ir-rekwiżit li tintbagħat l-ittra tal-maniġment japplika għall-friegħi kollha, irrispettivament mid-data użata għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja (BĊE obligatorju jew FINREP nazzjonali, FINREP volontarju, IFRS annwali jew

kontijiet nGAAP jew data statistika – skont l-Artikolu 2, punt 12(d) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/41)).

1. Għal friegħi li huma soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali obligatorji, ir-rekwiżit tar-rappurtar li “għandu jiċċertifika l-assi totali tal-fergħa li tħallas tariffa permezz ta’ ittra tal-maniġment sottomessa lill-ANK rilevanti” huwa stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2019/2158 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2019/38\)](#).

Dawn il-friegħi għandhom jimlew il-[Formola għal ittra tal-maniġment](#) billi jagħżlu “Għażla 1: informazzjoni kif irrappurtata għal skopijiet prudenzjali” u “Test A” u jissottomettuha lill-ANK tagħhom. Minħabba li d-data FINREP terġa’ tintuża għal friegħi bħal dawn, l-ittra tal-maniġment biss hija mistennija minnhom.

2. Għal friegħi li mhumiex suġġetti għal rekwiżiti prudenzjali obligatorji ta’ rappurtar, inklużi friegħi li jikkompilaw il-FINREP fuq bażi volontarja, ir-rekwiżit li “għandu jiċċertifika l-assi totali tal-fergħa li tħallas tariffa permezz ta’ ittra tal-maniġment sottomessa lill-ANK rilevanti” huwa stabbilit fl-Artikolu 3(3) tad-[Deċiżjoni \(UE\) 2019/2158 tal-Bank Ċentrali Ewropew \(BĊE/2019/38\)](#).

Dawn il-friegħi għandhom jimlew il-[Formola għall-ittra tal-maniġment](#) billi jagħżlu “Għażla 2: informazzjoni kif irrappurtata fil-formola ta’ “fatturi tariffarji” (ara l-Anness II għad-Deċiżjoni BĊE/2019/38)” u “Test B” u jibagħtuha lill-ANK tagħhom flimkien bil-formula tal-fattur tariffarju TA.